**6 ta' Novembru, 1991**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Anna Tonna xebba Vassallo

*versus*

Alexander Tonna

**Żwieġ – Annullament – Kollużjoni bejn il-Partijiet – Ammissjoni**

*Il-Qorti m'hix marbuta li toqgħod fuq l-ammissjoni tal-konvenut biex tilqa' talba għal annullament ta' żwieġ.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

L-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Frar 1988 ippronunzjat din is-sentenza:

Il-Qorti rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi – premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; premess li l-partijiet kienu resqu għaċ-ċerimonja ta' żwieġ li ġie ċelebrat ... fit-22 ta' Ottubru 1983 ...; premess li dan il-fatt ġie reġistrat uffiċjalment skond l-anness ċertifikat

Dokument A; premess li dan mhux effettivament żwieġ validu, iżda huwa null u bla effett, għar-raġunijiet li hemm previsti fl-Att ta' l-1975 dwar iż-Żwieġ (kif emendat) u speċjalment minħabba nuqqas ta' diskrezzjoni meħtieġa dwar kwalità essenzjali taż-żwieġ, u nuqqas da parti taż-żewġ partijiet li jassumu l-obbligi taż-żwieġ; u fuq kollox simulazzjoni tal-kunsens taż-żwieġ – talbet lil din il-Qorti tiddikjara (1) li ż-żwieġ ċelebrat bejn il-partijiet ... huwa null u bla effett għar-raġunijiet premessi u previsti mill-liġi, li jirriżultaw, li minħabba fihom iż-żwieġ ikun null u bla effett. Bl-ispejjeż;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda tagħha u d-dokument eżebit minnha;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn qal li huwa ma jopponix ruħu għat-talbiet attriċi *stante* li huwa jaqbel illi l-kawżali kif annuċjati kienu jeżistu fil-fatt u fid-dritt b'dana però illi l-ħtija għandha tinqasam ugwalment bejn il-kontendenti. Salv eċċezzjonijiet oħra;

Rat il-verbal tal-5 ta' Frar 1988 li minnu jirriżulta li l-partijiet talbu sentenza peress li l-konvenut mhux qed jopponi għat-talbiet u għall-fatti, u l-kawża ġiet differita għal-lum għall-provvediment jew sentenza;

Ikkunsidrat:

*Illi l-Qorti tħoss li m'għandha tagħti ebda provvediment iżda in vista ta' l-imsemmi verbal ser tgħaddi biex tagħti sentenza;*

Illi l-partijiet iżżewġu fit-22 ta' Ottubru 1983;

Illi l-attriċi qed tippretendi li *in vista* li l-konvenut ammetta t-talba, din il-Qorti trid bil-fors tgħaddi għas-sentenza u tilqa' t-talba tagħha;

Illi l-attriċi fiċ-ċitazzjoni tagħha tgħid biss li ż-żwieġ tagħha huwa null għal raġunijiet previsti fl-Att ta' l-1975 dwar iż-żwieġ; u sabiex din il-premessa ma tibqax ġenerika u vaga żżejjed żiedet "u *speċjalment minħabba li nuqqas ta' diskrezzjoni meħtieġa* dwar kwalità essenzjali taż-żwieġ, u nuqqas da parti taż-żewġ partijiet li jassumu l-obbligi taż-żwieġ, u fuq kollox simulazzjoni tal-kunsens taż-żwieġ;"

Illi fid-dikjarazzjoni tagħha l-attriċi tagħti fatti ġeneriċi u xejn konkludenti biex tissostanzja t-talba tagħha;

Illi l-konvenut fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu ma opponiex it-talba iżda għamel xi riżervi, u fid-dikjarazzjoni tiegħu ma ta ebda fatti, sempliċiment ried li t-tort jinqasam;

Illi l-attriċi ppruvat tmexxi t-talba tagħha a bażi ta' l-ammissjoni tal-konvenut b'riferenza għall-artikolu 158(2) tal-Proċedura Ċivili li ssemmi ammissjoni magħmula "għal kollox u bla ebda kundizzjoni", u meta rat li mhux ser tirnexxi, sejħet lill-konvenut in subizzjoni li qal hu kellu nuqqas ta' diskrezzjoni w li għalhekk it-talba ta' l-attriċi għall-annullment kellha tiġi milqugħa u b'hekk ikkonforma ruħu ma' l-imsemmi artikolu 158(2), u hawn il-Qorti żżid li anke hu jiġi akkomodat billi ż-żwieġ tiegħu wkoll jiġi annullat;

Illi l-Qorti tgħid mill-ewwel li f'din il-kawża jidher ċar li hemm kollużjoni bejn il-partijiet, kif jidher ukoll mill-fatti kif svolġew ruħhom;

Fil-fatt il-konvenut jammetti li huwa kellu nuqqas ta' diskrezzjoni meta żżewweġ sabiex iż-żwieġ tiegħu jiġi annullat, però issa jidher li konvenjentement huwa reġa' akkwista din id-diskrezzjoni tant li l-Qorti nnotat li fit-trattazzjoni tal-kawża kien jidher ċar li l-partijiet għandhom diġà s-sieħeb u s-sieħba lesti għall-wara din il-kawża;

Illi l-Qorti tħoss li ġiet, bil-mod kif svolġiet it-trattazzjoni, ordnata (biex jingħad hekk) tilqa' t-talba ta' l-attriċi kif dedotta *in vista* ta' l-ammissjoni tal-konvenut mingħajr l-opportunità li almenu tistaqsi lill-partijiet, speċjalment lill-konvenut, xi tfisser nuqqas ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa, għaliex tinsab persważa li l-ammissjoni saret sabiex il-partijiet jeħilsu mill-obbligi reċiproċi taż-żwieġ preżenti;

Il-Qorti tħoss li f'materja ta' żwieġ li hu ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi (aktarx is-subartikolu (1)(d) ta' l-artikolu 19 ta' l-Att taż-Żwieġ li huwa vag u jippresta ruħħu għal dan) u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli b'mod l-aktar faċli u espedjenti. Hawn il-Qorti iżżid li f'dan il-każ m'għandha ebda dubju li l-ammissjoni tal-konvenut hi għall-konvenjenza tal-partijiet li tammonta għall-kollużjoni li l-Qorti, f'każi t'annullament ta' żwieġ, ma tistax taċċetta. Hawn m'aħniex f'kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilità ta' xi kolliżjoni, imma f'kamp l-aktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kapriċċjosament, wara xi żmien ta' żwieġ, jiddeċidu li kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jsibu sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr malajr din id-diskrezzjoni w jsiru maturi. Fejn verament jirriżultaw raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat però dan m'għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak

jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju, ħaġa li hija nieqsa għal kollox f'din il-kawża;

Illi li kieku ż-żwieġ, anke *ż-żwieġ sempliċement ċivili*, kien bħal kuntratt ċivili ieħor, il-legislatur kien jilleġifera li kuntratt ta' żwieġ kien ikun jista' jiġi annullat, meta hemm ftehim bejn il-partijiet, b'kuntratt ieħor bħal ma jista' jiġi rexiss kwalunkwe kuntratt ieħor. Iżda preċiżament għax kuntratt ta' żwieġ hu ta' ordni pubbliku, huwa jista' jiġi annullat biss b'sentenza tal-Qorti u huwa preċiżament minħabba dan li l-Qorti għandha tara li m'hemmx kollużjoni għaliex inkella l-funzjoni tal-Qorti f'każijiet bħal dawn tiġi ridotta għal strument f'idejn il-partijiet (*rubber stamp*) biex jinqdew bih. Din ma tistax tkun il-funzjoni tal-Qorti; u ma tistax tħalli lill-partijiet jinqdew bil-proċedura legali sabiex bħallikieku *jordnaw* lill-Qorti kif tiddeċidi, kif fil-każ odjern tippretendi l-attriċi;

Illi l-attriċi qed tibbaża t-talba tagħha fuq nuqqas ta' diskrezzjoni da parti tal-konvenut (li, kif intqal, konvenjentement ammetta t-talba) mingħajr ma tispeċifika f'hix kien jikkonsisti dan in-nuqqas *ta' diskrezzjoni* u mingħajr *ma tikkorroborah* b'fatti u provi, u għalhekk il-Qorti tħoss li l-attriċi ma rnexxilhiex tipprova t-talba tagħha li ż-żwieġ fuq imsemmi kien null;

Għal dawn il-motivi:

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Kontra din is-sentenza l-attriċi introduċiet appell:

L-aggravju tagħha – li ssejjaħlu l-punt kruċjali tal-kawża – huwa li l-ewwel Qorti missha aċċettat l-ammissjoni tal-konvenut, kif sar f'ħafna kawżi simili għal din, u taċċetta t-talbiet attriċi;

Dan m'huwiex ġuridikament korrett. Kull sentenza trid tkun qabel xejn l-espressjoni tal-konvinzjoni tal-ġudikant tant illi anki l-aqwa prova teknika permezz ta' perizja teknika ma torbotx lill-Qorti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha – artikolu 681 Kapitolu 12. Is-sentenza appellata tgħid ċar u tond illi ma ġietx konvinta illi hemm raġunijiet li skond il-liġi jiġġustifikaw it-talbiet attriċi. U tabilħaqq is-suppost provi prodotti jikkonsistu f'reċta ta' kawżali kif huma formolati b'mod ġenerali u ġeneriku fil-liġi li bl-ebda mod ma ġew ċirkostanzjati, illustrati jew b'xi mod ieħor ippruvati għas-sodisfazzjon tal-ġudikant biex huwa jkun f'pusizzjoni li jifforma dik il-konvinzjoni morali neċessarja għal kull kwalità ta' ġudizzju. Huwa manifest illi meta l-Att dwar iż-Żwieġ ta' l-1975 jimponi l-azzjoni ġudizzjarja u l-konsegwenti sentenza għall-finijiet ta' l-annullament tal-kuntratt taż-żwieġ, hija l-liġi stess li tiddistingwi dan il-kuntratt minn kuntratti oħra li – għall-kuntrarju – jistgħu kollha jiġu terminati bis-sempliċi kunsens tal-partijiet mingħajr l-intervent ta' l-imħallef. U dan il-fattur ġuridiku jindika li l-intervent ta' l-imħallef m'huwiex mitlub bħala xhud tal-volontà tal-partijiet imma bħala l-imħallef li f'idejh il-liġi fdat il-ġudizzju finali jekk il-kundizzjonijiet għal pronunzjament ta' l-annullament taż-żwieġ jeżistux jew le. Għalhekk huwa obbligatorju għall-imħallef li jara li dawk il-kundizzjonijiet jeżistu verament u mhux preżentati bħala li jeżistu mill-partijiet b'kollużjoni bejniethom;

Għalhekk dawk l-argumenti kollha li hemm fil-petizzjoni ta' l-appell m'humiex bażati fuq fatturi legali validi, imma huma

sempliċement eskursjonijiet socio-politiċi, anki meta apparentement jassumu tonalità ġuridika. Hemm imbagħad diversi riflessi fuq l-aspetti reliġjużi taż-żwieġ, fuq id-dritt kanoniku u fuq id-diskriminazzjoni u *similia*, li fuqhom m'hemm ebda aċċenn fis-sentenza appellata u għalhekk, fuq dan, l-appell huwa għal kollox irrilevanti;

Għal dawn ir-raġunijiet l-appell huwa miċħud u s-sentenza li minnha sar appell hija konfermata; bl-ispejjeż nofs kull wieħed bejn il-partijiet.